MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-10 ta' Dicembru, 2018

Kump Numru. 713/2004

**Il-PULIZIJA**

**(SPETTUR DENNIS THEUMA)**

**VS**

**CHRISTOPHER CASSAR**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat **Christopher Cassar**, ta' 26 sena, bin John u Rita nee' Hailey, imwieled Pieta' fil-25 ta' Lulju 1978, residenti 5, Triq Santa Domenica, Zabbar, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 348678(M), fejn gie akkuzat talli fid-19 t'Awissu 2004, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer:

> (1) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal- Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill- President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir- regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN292/1939), jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-tabib Principali tal-

Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt (6) taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l- istess droga, u dan bi ksur tar-regolament numru 4 tar- regoli tal-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN292/1939), kif sussegwentement emendati, u dan bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) u aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, ikkommetta l-imsemmija reati kriminali fi/jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, 'club', jew centru taz-zaghzagh, bi ksur tal-Artiklu 22 sub inciz 2(II) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(3) aktar talli kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il- Medicini Perikoluzi, tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall- importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 taqsima tal-istess Ordinanza, u meta ma kellux licenzja jew xort'ohra awtorizzazzjoni li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil- licenzja mill-President ta' Malta, li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar- regolament 8 tar-regoli 1939 dwar il-Kontroll Intern tad- Drogi Perikoluzi (GN292/1939), kif sussegwentement emendati, u dan bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija, il-Qorti giet mitluba titratta mal-imputat Christopher Cassar talli kiser il-kundizzjoni ta' sentenza ta' sentejn habs sospiza ghal erba' snin, imposta fuqu minn din il-Qorti diversament preseduta fid-9 ta' Jannar 2001.

Rat illi fid-19 ta' Gunju 2007, dina l-Qorti, diversament ippresjeduta, ghaddiet biex iddecidiet il-kawza, u dana billi qalet is-segwenti, w il-Qorti kif ppresjeduta, ser tirriproduci *verbatim* dak illi qalet il-Qorti precendentement ghal fini ta' kompletezza:

*Illi mix-xhieda tal-Ispettur Dennis Theuma, a fol 14, jirrizulta illi fid-19 t'Awissu 2004, in segwitu ta' perjodu sostanzjali ta' osservazzjoni u nvestigazzjoni mill-Pulizija tal-Iskwadra kontra l-Vizzju tad-Droga, il-Pulizija wettqu tfittxija fil-fond Numru 5, Triq Santa Domenika, Zabbar, li huwa l-fond tal-imputat Christopher Cassar, li ghandu l- laqam Sinny jew Silly. Precedentement ghal din it-tfittxija, il-Pulizija kienu osservaw lill-imputat Cassar jaghmel kuntatt ma' persuna, u din il-persuna kienet giet arrestata mill-Pulizija, u waqt it-tfittxija fuq il-persuna, kien instab qartas kontenenti sustanza kannella, li wara rrizulta li kienet id-droga eroina.*

*Din il-persuna kienet ammettiet dan kollu, ammettiet li kien l-imputat Christopher Cassar li kien bieghhilha din id- droga ghas-somma ta' ghaxar Liri Maltin (Lm10), u wara li rrilaxxa stqarrija lill-Pulizija f'dan is-sens, kien ghazel li jikkonferma dan kollu bil-gurament fl-24 t'Awissu 2004. Din il-persuna kienet filfatt tressqet quddiem il-Qorti fit-30 t'Awissu 2004, fuq pussess ta' droga eroina, u gew ammessi l-akkuzi kollha.*

*Fit-tfittxija li saret fid-19 t'Awissu 2004, fir-residenza tal- imputat, il-Pulizija* ***ma sabet l-ebda droga, izda nstabu diversi oggetti li ghandhom x'jaqsmu mad-drogi, inkluz siringi, acidu citriku, u bicca 'foil' mahruqa****. L- imputat kien irrilaxxa stqarrija, li giet esebita u mmarkata bhala dokument DT1, u din l-istqarrija ttiehdet fil-prezenza ta' PS 368 Stephen Monreal. F'din l-istqarrija,* ***l-imputat kien ammetta li kien ilu jabbuza mid-droga ghal diversi snin, u li l-affarijiet misjuba fil-kamra tieghu li gew elevati mill-Pulizija tal-Iskwadra ta' kontra d- Droga, kienu tieghu.*** *L-imputat ghazel li ma jirrispondix ghad-domandi dwar id-diversi nies li kienu ghamlu kuntatt mieghu fid-dar tieghu u f'partijiet ohra ta' dawn il-Gzejjer.*

*Spettur Dennis Theuma esebixxa dokument DT, sentenza moghtija mill-Magistrat, illum Imhallef, Abigail Lofaro, tad- 19 ta' Jannar 2001, fil-konfront ta' Christopher Cassar flimkien ma' imputati ohra (ara fol 18-34).*

*A fol 36, PS 368 Stephen Monreal ikkonferma l-prezenza tieghu fl-istqarrija dokument DT1, u gharaf il-firem fuq l- istess stqarrija.*

*A fol 38, gew esebiti zewg processi verbali, immarkati bhala dokument MC u MC1.*

*Fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2004, il-Qorti kkonfermat l- esperti nominati fiz-zewg inkjesti (ara fol 12).*

*PC 1013 Raymond Debono, a fol 40 et seq, ikkonferma illi fid-19 t'Awissu 2004, kienu qeghdin josservaw ir- residenza ta' Christopher Cassar, l-imputat, u li ghal habta tal-erbgha ta' wara nofsinhar kienet giet karozza Peugeot bajda, waqfet vicin tar-residenza tal-imputat, u nizel certu Patrick Spagnol minn din il-karozza, u avvicina lill-imputat li hareg mir-residenza tieghu, ghamlu kuntatt ma' xulxin,* ***u l-Kuntistabbli Debono ra lil Patrick Spagnol ipoggi jdejh fil-but ta' wara tal-'jeans'****. Il-Pulizija saqu mmedjatament wara din il-karozza, u ntercettawha,* ***twettqet tfittxija fuq il-persuna ta' Patrick Spagnol, u fil-but ta' wara tal-'jeans'****, sabu qartas tal-'foil' zghir. Dan gie mghoddi lill-Ispettur ghal iktar stharrig. L-istess Kuntistabbli kkonferma l-involviment tieghu fit-tfittxija sussegwenti fir-residenza tal-imputat, u kkonferma illi l- Pulizija kienu sabu xi 'foil' (esebit D4).*

***Patrick Spagnol****, a fol 42 et seq,* ***ikkonferma illi huwa kien ghaddej proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati, rigwardanti pussess ta' droga,*** *u li f'dawn il-proceduri huwa* ***kien ammetta l-akkuzi*** *kif dedotti. Huwa xehed illi fid-19 t'Awissu 2004, huwa kien talab lil hutu l-bniet sabiex iwassluh ghand l-imputat Christopher Cassar, bl-iskuza li hu kellu jaghti lill-istess imputat hmistax-il Lira Maltin (Lm15). Huma wassluh sar-residenza tal-imputat.* ***Patrick Spagnol pero' jghid li din kienet biss pretiza u li huwa kien ghamel kuntatt ma' Christopher Cassar u 'inqdejt b'pakkett'.***

*Illi kif dahal lura fil-karozza, '****dawwruni c-CID u bdew gejjin minn kull naha tat-triq',*** *u gie arrestat mill-Pulizija.*

*Matul ix-xhieda tieghu,* ***Patrick Spagnol gharaf lill- imputat bhala l-persuna li minn ghandha kien xtara d- droga eroina ghall-prezz ta' ghaxar Liri Maltin***

***(Lm10).*** *Patrick Spagnol xehed li huwa kien jinqeda mid-droga eroina minghand diversi persuni,* ***illi gieli kien xtara minghand l-imputat Christopher Cassar****, u li dakinhar li kien gie maqbud mill-Pulizija, filfatt huwa kien xtara d- droga eroina* ***minghand l-istess Christopher Cassar.***

*Mistoqsi fejn kien imur biex jixtri din id-droga, Patrick Spagnol xehed:*

***'Kont immur daqqa d-dar tieghu u daqqa jaqdini fejn il-bandli ta' Haz Zabbar.' (ara xhieda a fol 44).***

*Wara din ix-xhieda mbaghad, il-Qorti qrat ix-xhieda mehuda quddiem il-Magistrat Miriam Hayman fit-2 ta' Settembru 2004, a fol 6 et seq tal-process verbal, dokument MC1.*

*Patrick Spagnol ikkonferma x-xhieda tieghu u l-istqarrija kontenuta fil-process verbal, dokument MC1, u ghamel referenza wkoll ghal* ***numru wiehed minn sitt ritratti esebiti a fol 18*** *tal-process verbal indikat.*

*PC 1013 Raymond Debono, a fol 53 et seq, ikkonferma l- oggetti elevati mir-residenza ta' Christopher Cassar murija lilu, u cioe' siringa, 'citric acid' u 'foil' mahruqa. Debono kkonferma illi prezenti mieghu kien hemm WPC 45, PC 451 u PC 246.*

***Rodney Vella****, a fol 35,* ***xehed illi huwa kien gie nvestigat mill-Ispettur Pierre Grech, fuq akkuzi ta' droga****, u kkonferma illi huwa kien xehed fuq din il-kwistjoni. Rodney Vella stqarr fix-xhieda tieghu u kkonferma illi kien* ***xtara d-droga minghand zewg persuni in partikolari****, u li* ***wiehed minnhom kien l-imputat Christopher Cassar****. Rodney Vella xehed illi huwa ma kienx jaf x'jismu, illi kien jafu biss minn wiccu, u li kien iltaqa' mieghu Haz Zabbar, u staqsa biex jixtri d- drogi, u l-imputat kien f'okkazjoni wahda, indikalu l- persuna minghand min jista' jinqeda,* ***u f'okkazjoni ohra kien xtara minn ghandu personalment, pakkett ta' hames Liri Maltin (Lm5) droga eroina, u dan kien f'Gunju tal-2003.***

*Rodney Vella kkonferma li huwa kien iltaqa' mal-imputat, fit-triq fejn kien joqghod Michael Cassar. Wara dan, il- Qorti kienet qratlu l-istqarrija li kienet ikkonfermata quddiem il-Magistrat Grixti, mill-istess Rodney Vella, u dan a fol 58, rega' ghazel li jikkonfermaha.*

*In segwitu tad-digriet ta' nomina minn din il-Qorti datat 6 ta' Jannar 2005, il-Perit Valerio Schembri esebixxa r- relazzjoni tieghu dokument VS. Fir-relazzjoni tieghu, il- Perit, a fol 73-75, ikkonferma illi l-postijiet indikati minn Patrick Spagnol, minn fejn xtara d-droga minghand l- imputat,* ***jaqghu f'distanza ta' anqas minn mitt metru mill-'playing fields' indikati fil-pjanta, dokument A.*** *Dan gie mehud minn punt indikat minn Patrick Spagnol stess, immarkat bhala punt A mill-Perit Valerio Schembri, u minn punt B, ukoll indikat minn Spagnol.*

***Jirrizulta wkoll illi l-Club tal-Bocci ta' Haz Zabbar****, kif ukoll il-Gnien ta' Haz Zabbar,* ***jaqghu fic-cirku ta' inqas minn mitt metru*** *indikat fil-pjanta dokument A, a fol 77 tal-process.*

*Spettur Dennis Theuma, a fol 91, esebixxa dokument DTX, sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija Spettur David Saliba vs Michael John Mugliette, Christopher Cassar u Emanuel Cachia, datata 19 ta' Jannar 2001.*

*Ex Spettur David Saliba, a fol 109, b'referenza ghas- sentenza mmarkata dokument DTX (a fol 92-108),* ***gharaf lill-imputat Christopher Cassar bhala l-istess Christopher Cassar li ghaliha tirreferi s-sentenza dokument DTX.***

*Godwin Sammut esebixxa dokument GS1, ir-relazzjoni tieghu fuq l-analizi tal-kontenut ta' siringa, u 'aluminium foil', liema relazzjoni hija fin-negattiv ghad-droga (ara fol 117).*

*Spettur Pierre Grech, a fol 128, ikkonferma illi Rodney Vella kien irrilaxxa stqarrija fil-prezenza tieghu, liema stqarrija mbaghad kienet giet guramentata minn Rodney Vella quddiem il-Magistrat Dr Giovanni Grixti. Spettur Grech ikkonferma l-atti relevanti fil-process verbal dokument MC a fol 6 u 7.*

*WPC 21 Ashley Bugeja, a fol 130, ikkonfermat il-prezenza taghha matul it-tehid tal-istqarrija ta' Rodney Vella, liema stqarrija tinstab a fol 6 u 7 tal-process verbal dokument MC, u gharfet il-firem tal-Ispettur taghha u ta' Rodney Vella.*

*WPS 45 Marisa Bartolo, a fol 132, ikkonfermat il-prezenza taghha waqt it-tfittxijiet li twettqu f'Numru 5, Triq Santa Domenika, Zabbar, fil-prezenza tal-imputat Christopher Cassar, flimkien ma' PC 10, 13, 246 u 451. Ikkonfermat ukoll li gew elevati minn dan il-fond, diversi oggetti li ghandhom x'jaqsmu mad-droga.*

***WPS 45 ikkonfermat illi fid-19 t'Awissu 2004, gie osservat Christopher Cassar jghaddi xi haga lil persuna, liema persuna mbaghad giet iwaqqfa fil-kantuniera tal-istess triq mill-membri tal-Pulizija****. Wara wettqu tfittxija fuq il-persuna tieghu,* ***instab qartas fil-but ta' wara tal-'jeans' tieghu.*** *WPS 45 ikkonfermat li dan l-individwu gie arrestat u eskortat lill-Ispettur, waqt li hija kompliet bit-tfittxija fir-residenza tal-imputat, minn fejn instabu diversi oggetti li ghandhom x'jaqsmu ma-droga. WPS Bartolo kkonfermat illi l-persuna li kienet* ***xtrat id- droga minghand Christopher Cassar kien Patrick Spagnol, u tat deskrizzjoni tieghu a fol 135.***

*PC 706 Norman Cremona, a fol 137, ikkonferma l- prezenza tieghu fit-tehid tal-istqarrija rilaxxata minn Patrick Spagnol, u gharaf il-firem fuq l-istess stqarrija.*

*Rat il-verbal tad-Difiza a fol 161, fejn l-imputat ghazel li ma jixhidx u ddikjara li ma kellux xhieda xi jressaq.*

*Ikkunsidrat:-*

*Illi fil-kaz odjern, din il-Qorti sejra biex tezamina x-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni, sabiex tezamina jekk dawn il- provi jsahhux il-kaz taghha bil-grad rikjest fil-kamp kriminali, u cioe', sal-livell probatorju 'beyond reasonable doubt'*

*Illi fil-kaz odjern, l-imputat ghazel li ma jixhidx u ghazel ukoll li ma jressaq l-ebda prova ohra.*

*Illi l-imputat jinstab akkuzat bi traffikar ta' droga, bl- aggravju tad-distanza ta' inqas minn mitt metru, u bil- pussess tad-droga eroina. Il-Prosekuzzjoni, minn naha taghhom, ipproducew xhieda illi turi li Patrick Spagnol kien ilu qed jigi osservat ghal ammont ta' zmien konsiderevoli, u li fil-gurnata ndikata fic-citazzjoni, cioe' fid-19 t'Awissu 2004, kien gie osservat jasal s'ghand l-imputat permezz ta' karozza, javvicina lill-imputat u jigbor minn ghandu xi haga zghira li huwa mill-ewwel jqieghed fil-but ta' wara tal- 'jeans' tieghu.*

*Patrick Spagnol gie ntercettat mill-Pulizija tal-Iskwadra ta' kontra d-Droga, u arrestat, fejn gew misjuba fuqu pakkett kontenenti qartas tal-'foil' bl-eroina. Patrick Spagnol irrilaxxa stqarrija fejn ammetta li xtara minghand l-imputat Cassar id-droga eroina, u din l-istqarrija giet debitament guramentata quddiem il-Magistrat tal-Ghassa, il-Magistrat Miriam Hayman. Apparti minn hekk, Patrick Spagnol xehed quddiem din il-Qorti u kkonferma dan kollu, u gharaf lill-imputat prezenti fl-awla.*

*Apparti x-xhieda ta' Patrick Spagnol, hemm ix-xhieda tal- ufficjali tal-Pulizija, adebiti lill-Iskwadra ta' kontra l-Vizzji tad-Droga, li taw it-testimonianza taghhom dwar dak li kien qed jigi osservat, u dwar l-intercettazzjoni u l-arrest tal-istess Patrick Spagnol li gie misjub bid-droga ghadha fil-but ta' wara tal-'jeans' tieghu.*

*Illi apparti minn dan, hemm ix-xhieda ta' Rodney Vella li kkonferma li huwa kien xtara d-droga eroina minghand l- imputat, bid-dettalji ghar-rigward ta' prezz u l-post minn fejn inxtrat, u li wkoll gharaf lill-imputat. Rodney Vella kien ukoll irrilaxxa stqarrija lill-Ispettur Pierre Grech, liema stqarrija giet ukoll guramentata quddiem il-Magistrat tal- Ghassa, il-Magistrat Dr Giovanni Grixti.*

*L-istqarrija originali ta' Patrick Spagnol; ix-xhieda tieghu fejn ikkonferma tali stqarrija quddiem il-Magistrat Inkwirenti Dr Miriam Hayman; l-istqarrija ta' Rodney Vella; u x-xhieda tieghu quddiem il-Magistrat Dr Giovanni Grixti, jinstabu kontenuti fiz-zewg processi verbali dokument MC u MC1, esebiti u annessi f'dawn il-proceduri.*

*Illi ghaldaqstant, din il-Qorti hi tal-fehma illi l-Prosekuzzjoni rnexxielha, minghajr dubju dettat mir-raguni, tipprova illi l- imputat ittraffika d-droga eroina, almenu liz-zewg persuni, cioe' Patrick Spagnol u Rodney Vella, fid-dati, lok u hin citati fl-akkuza.*

*Illi mbaghad, mir-relazzjoni tal-Perit Valerio Schembri, jirrizulta ampjament illi l-postijiet minn fejn l-imputat kien qed jittraffika din id-droga, kien f'distanza anqas minn mitt metru ghall-'playing field' ta' Haz Zabbar, u ghall-Club tal-Bocci tal-istess lokal (ara r-relazzjoni dokument VS li tinstab esebita a fol 63 et seq, u b'mod partikolari ghall- pjanta dokument A li tinstab a fol 77 tal-process).*

*Illi di piu', giet sodisfacjentement ippruvata r-raba' akkuza migjuba kontra l-imputat, billi l-Prosekuzzjoni debitament esebiet is-sentenza, dokument DTX a fol*

*92 et seq tal- process, waqt illi a fol 109, l-ex Spettur David Saliba ghamel il-prova tal-identita' tal-imputat.*

*Illi ghaldaqstant, il-Qorti ssib lill-imputat Christopher Cassar hati tal-ewwel, it-tieni u r-raba' akkuza, b'assorbiment tat-tielet akkuza, u wara li rat l-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, Taqsima 4 u 6 tal-Kap 101, Regolamenti 4 u 8 tar-Regoli ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN292/1939), kif emendat Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u t-tieni proviso tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap 101, u l-Artikolu 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,* ***tikkundanna lill-imputat ghal sentejn prigunerija****, li minnhom irid jitnaqqas iz-zmien li fih l- imputat ghamel f'arrest preventiv, u* ***tikkundannah ghal multa ta' elf Lira Maltin (Lm1000)****, u dan fil-konfront tal-ewwel u t-tieni akkuza migjuba kontra tieghu.*

*In oltre, il-Qorti tirrendi operattiva s-sentenza sospiza datata 19 ta' Jannar 2001 (dokument DTX a fol 92), u* ***tikkundannah ghal sentejn prigunerija****, u dan fil-konfront tar-raba' akkuza.*

*Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-eta' tal-imputat; il-fedina penali tieghu (ara fol 5-7); u l-fatt illi l-imputat, minkejja li gie moghti l- opportunita', irrifjuta illi jidhol fi program ghar- rijabilitazzjoni kontra d-droga.*

*Din il-Qorti hi tal-fehma illi l-uniku triq vijabbli ghall-imputat hija li hu jiehu bis-serjeta' program ghar-rijabilitazzjoni kontra d-droga, sabiex jeghleb darba ghal dejjem id- dipendenza assoluta li ghandu fuq id-droga. Illi ghal dan il- ghan, il-Qorti qed tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin illi l-imputat jsegwi program ta' rijabilitazzjoni kontra d-dipendenza tad-droga fi hdan l- istess Facilita'. Ghaldaqstant, tordna li kopja ta' din is- sentenza tigi komunikata lid-Direttur ta' l-imsemmija Facilita'."*

Rat illi sussegwentement, l-akkuzat appella minn tali sentenza quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri), Appell Nru 252/2007.

Rat illi fis 27 ta'  Settembru 2007, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) ivverbalizzat kif gej: (fol 196)

*"Il-Qorti b'riferenza ghat-tieni aggravju li hu wiehed strettament ta' natura Kostituzzjonali u tad-Drittijiet Umani takkorda gimgha zmien millum lir-rikorrent appellant biex jintavola r-rikors kostituzzjonali opportun quddiem il-Qorti kompetenti, li kopja tieghu ghandha tigi pprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti mhux aktar tard mill-Gimgha, 5 ta' Ottubru 2007."*

Rat illi fit-18 ta' Ottubru 2007, wara illi l-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) giet mgharrfa illi kienu gew mibdija proceduri Konsituzzjonali Nru 51/2007, il-kawza quddiemha giet differita "*sine die riappuntabbli appena jkun hemm ezitu finali Kostituzzjonali*" (fol 207)

Rat illi fil-proceduri Kostituzzjonali imnieda mill-akkuzat, huwa ressaq tlett lanjanzi, illi huma s-segwenti:

1. Illi in-nuqqas ta' notifika jew komunima lid-Difiza tan-Nota tas-sottomissjonijiet fianli pprezentata mill-Prosekuzzjoni illediet id-dritt tar-rikorrent ghal smiegh xieraq u process gust inkwantu ma kellhiex l-opportunta' li tirribatti s-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni;

2. Illi kif l-Ewwel Onorabbli Qorti waslet ghas-sejbien ta' htija bl-applikazzjonit al-Artikolu 30A tal-Kap 101 jilledi d-dritt tar-rikorrent;

3. Illi l-Artikolu 30A tal-Kap 101 jilledi d-drittijiet tad-difiza tar-rikorrent, liema drittijiet jinsabu iggarantiti mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.

Rat illi fil 5 ta' Dicembru 2011, il-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) ikkaancellat il-kawza minn fuq il-lista tal-kawzi stante illi r-rikorrent, ossija l-akkuzat odjern, ma kienx deher. (fol 276)

Rat illi fl-24 ta' Frar 2012 il-Prosekuzzjoni intavolat rikors quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fejn talbet ir-riappuntament tal-appell.

Rat illi fit 2 ta' Mejju 2012 l-akuzat ghamel is-segwenti verbal:

> *Dr Tonio Azzopardi ghall-appellant jirrileva illi r-rikors Kostituzzjonali 51/07 instema' fl-istadji kollha tieghu fis-seduta tas- 17 ta' Ottubru 2011 il- Qorti ddiferiet il-kawza ghall- 5 ta' Dicembru 2011 u ghamlitha cara li "fdik id-data I-kawza tibqa differita ghas-sentenza. Izda, minflok fis-seduta tal- 5 ta' Dicembru 2011, il-Qorti kkancellat il-kawza mill-lista. Meta din ic-cirkostanza stramba saret maghrufa ingibdet I-attenzjoni tad-deputat registratur ta' din I-Onorabbli Qorti, izda ma nbidel xejn Ghalhekk Dr Azzopardi ghall-appellant jitlob illi din I-Onorabbli Qorti timxi kif imxiet meta kienet diversament preseduta u tawtorizza lir-rikorrent jirriproponi I-kawza Kostituzzjonali u huwa jobbliga ruhu li hekk kif il-kawza tkun ipprezentata fit-terminu li jigi prefiss, huwa jitlob I-allegazzjoni tar-rikors Kostituzzjonali 51/07 u jekk ikun opportun imur mill-ewwel ghall-istadju tat-trattazzjoni finali.*

Rat illi dakinar stess, 2 ta' Mejju 2012, l-akkuzat kien ippresenta kawza Konstituzzjonali ohra, Rikors Nru 31/2012, b'talbiet identici ghal dawk minnu gia intavolati fis-sena 2007 fil-kawza 51/2007 u li kienet giet kancellata mill-Qorti fil 5 ta' Dicembru 2011 minhabba fl-assenza ta' l-istess akkuzat u li ghanliha ma kienetx saret talba sabiex terggha tigi ri-appuntata fil-periodu moghti lill-akkuzat mill-Ligi.

Rat illi fit-3 ta' Lulju 2012 il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) iddfferiet il-kawza "*sine die riapuntabbli appena jkun hemm ezitu finali kostituzzjonali.*"

Rat illi fit 22 ta' Frar 2017, il-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) iddecidiet il-kaz Nru 31/2012 mressqa mill-akkuzat, rikorrent f'dawk il-proceduri, fejn qalet is-segwenti:

> *Għaldaqstant il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:*
>
> 1. *Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent billi tiddikjara li n-nuqqas ta' notifika jew komunika lid-difiża tan-nota ta' sottomissjonijiet finali ppreżentata mill-*

*prosekuzzjoni fl- atti tal-proċeduri kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Dennis Theuma) vs Christopher Cassar illeda d-dritt tar- rikorrent għal smigħ xieraq u proċess ġust in kwantu li d- difiża ma kellhiex l-opportunità li tirribatti s-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni.*

*Bħala rimedju din il-Qorti qiegħda tiddikjara nulla u mingħajr effett is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Dennis Theuma) vs Christopher Cassar tad-19 ta' Ġunju 2007 u tirrinvija l-atti tal-kawża quddiem il-Qorti tal- Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex il- kawża terġa tiġi deċiża mill-ġdid mill-istadju wara l- preżentata tan-nota ta' sottomissjonijiet tat-8 ta' Mejju 2006 b'dan illi jekk fl-ewwel appuntament li jerġa jiġi ffissat mill-Qorti tal-Maġistrati ma jidhirx l-imputat jew l- avukat difensur tiegħu, il-Qorti ma tkunx qiegħda tonqos jekk tgħaddi għas-sentenza jew dak inhar stess jew fl- ewwel differiment wara dak l-ewwel appuntament.*

*Il-Qorti qiegħda tordna wkoll illi kopja ta' din is-sentenza tiġi nserita fl-atti tal-proċeduri kriminali fl-ismijiet Il- Pulizija (Spettur Dennis Theuma) vs Christopher Cassar.*

2. *Tiċħad it-tieni u t-tielet talba tar-rikorrent.*

Rat illi l-akkuzat w il-Prosekuzzjoni appellaw minn tali decizjoni u, fis-7 ta' Mejju 2018, il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat is-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) deciza fit 22 ta' Frar 2012 salv dak illi kien jirrigwarda l-kap tal-ispejjez.

Rat illi fit 23 ta' Mejju 2018, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) astjeniet milli tkompli tiehu konjizzjoni tal-kaz u baghtet l-inkartament lura lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali sabiex tigi assenjata skond il-Ligi.

Rat illi fis 6 ta' Gunju 2018 il-kawza giet assenjata quddiem dina l-Qorti, kif ippresjeduta, sabiex tinstema u tigi deciza.

Rat illi fit 2 ta' Lulju 2018, deher l-akkuzat mhux assistit, u sar is-segwenti verbal:

*Meta ssejhet il-kawza deher l-ufficjal prosekutur l-AC Dennis Theuma.*

*Deher ukoll I-akkuzat Christopher Cassar mhux assistit.*

*Dr Tonio Azzopardi imsejah diversi drabi ma deherx.*

*L-akkuzat gharraf il-Qorti li hu ma kienx a korrent tal-fatt illi ghal-lum kellu jgharraf lill-avukat tieghu u ghalhekk talab differiment biex ikun jista ikun assistit mill-avukat tieghu.*

*L-AC Dennis Theuma ma joggezzjonax ghal tali talba.*

*Il-Qorti rat is-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili, sede Kostituzzjonali datata 22.02.2017 li giet ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7.5.2018 fejn il-Qorti iddikkjarat "tiddikkjara nulla u minghajr effett is-sentenza tal-Qorti tal-*

> *Magistrati, bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija (Spt Dennis Theuma) vs Christopher Cassar tad-19.06.2007 u tirrinvija I-atti tal-kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati, bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex il kawza terga' tigi deciza mill-gdid mill-istadju wara l-prezentata tan-nota tas-sottomissjonijiet tat-8.05.2006, b'dan illi jekk fl-ewwel appuntament li jerga' jigi ffissat mill-Qorti tal-Magistrati ma jidhirx l-imputat jew I-avukat difensur tieghu il-Qorti ma tkunx qed tonqos jekk tghaddi ghas-sentenza jew dakinhar stess jew fl-ewwel differiment wara dak l-appuntament."*
>
> *Il-Qorti ghalhekk tiddifferixxi I-kaz ghall-15 ta' Ottubru 2018 tissejjah f12.00 sabiex I-akkuzat jigi assistit mill-avukat ta' fiducja tieghu biex dakinhar jitratta I-kaz u I-Qorti a bazi tas-sentenza kostituzzjonali fuq imsemmija wara dakinhar ser tghaddi ghas-sentenza.*

Rat illi fil 15 ta' Ottubru 2018 deher l-akkuzat assistit minn Dr Tonio Azzopardi, w il-kawza giet differita ghat-trattazzjon finali ghat 12 ta' Novembru 2018.

Rat illi fit 12 ta' Novembru 2018 il-kawza giet differita ghal finali trattazzjoni ghall-14 ta' Novembru 2018.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-kawza illi saret mill-abbi Prosekutur u Avukat difensur fl-14 ta' Novembru 2018, wara liema trattazzjoni il-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum.

Rat illi fis 16 ta' Novembru 2018 l-akkuzat ippresenta kopja informali tas-sentenza 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Francis Casaletto deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit 22 ta' Marzu 1985, u dana kien gie lilu mitlub jaghmel mill-Qorti odjerna.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi, fit-trattazzjoni tal-abbli difensur ta' l-akkuzat, tqajjmu tlett argumentazzjonijiet illi abbazi taghha intalab illi dina l-Qorti tillibera l-akkuzat, ossija:

- illi x-xhieda illi ntuzat bhala korroborazzjoni quddiem l-Ewwel Qorti, ossija dik ta' Rodney Vella u Paul Spagnol, kellha tigi skartata, ghax ix-xhieda fuq imsemmija "*ghandhom l-inkwiet mal-Pulziija fuq id-droga*" u, fil-kaz ta' Rodney Vella kien "*xhud ta' omicidju favur il-prosekuzzjoni*" u ghalhekk ma kienux xhieda affidabbli ghax "*bniedem jista jkollu interess, jista jkollu motiv, jista jkollu incitament, anke indirett, anke mis-subalterni, ta' Pulizija*".

- illi x-xhieda kellha tigi skartata ghax, dak li ghandha titqies din il-Qorti kellha tkun biss ix-xhieda migbura '*viva voce*' u mhux semplicement ripetizzjoni ta' dak illi jkun qal ix-xhud fl-Istqarrija illi jkun irrilaxxja lill-Puluzija u tigi lili moqrija quddiem il-Qorti illi tkun qed tiddeciedi l-kaz, fejn l-abbli difensur ghamel referenza ghal-kawza fuq imsemmija 'Repubblika ta' Malta vs Francis Casaletto"

- illi l-istatement ta' l-akkuzat kellu jigi skartat in vista ta' gurisprudenza lokali nostrana u estera.

Il-Qorti tibda biex tosserva, l-ewwel u qabel kollox, illi minn qari dettajlat tax-xhieda ta' Patrick Spagnol moghtija fl-24 ta' Settembru 2004 (fol 42) u ta' Rodney Vella moghtija fis 6 ta' Jannar 2005 (fol 55), a differenza ta' dak illi qieghed jikkontendi l-abbli difensur tal-akkuzat, dawna z-zewgt xhieda, wara illi gew avzati illi kellhom dritt illi ma jixhdux ghax setghu jinkriminaw ruhhom, xehdu fid-dettall u it-tnejn indikaw illi kienu qed jgharfu lill-akkuzat, presenti fl-awla dak il-hin, bhala il-persuna illi kien bieghilhom id-droga – vide fol 43 u 56 rispettivament.

Il-Qorti tosserva wkoll illi, a differenza ta' dak illi qieghed jikkontendi l-abbli difensur tal-akkuzat, l-istqarrija illi kienet giet moghtija lill-Pulizija, giet moqrija biss **wara** illi l-istess xhieda kienu xehdu 'viva voce' u taw il-verzjoni tal-fatti kif jafuha huma u gharrfu lill-akkuzat bhala il-persuna illi fornihom id-droga.

Il-Qorti, ghalhekk, tasal ghal konkluzjoni illi, a differenza ta' dak illi qieghed jallega l-abbli difensur tal-akkuzat, x-xhieda ta' Rodney Vella u Paul Spagnol kienu xhieda affidabbli li xehdu minghajr biza jew forza esterna quddiem il-Qorti, liema Qorti kienet tathom zmien jaghzlu jekk riedux jixhdu jew le, u huma volotarjament taw tali xhieda.

Ghalhekk, ix-xhieda moghtija minn Rodney Vella u Paul Spagnol ghandha titqies bhala korroborazzjoni accettabbli w indipendenti a favur tat-tezi mressqa mill-Prosekuzzjoni kontra l-akkuzat w prova accettabbli minn dina l-Qorti.

Dwar l-Istqarrija ta' Christopher Cassar u dwar l-inammissibbilta' taghha, il-Qorti taghmilha cara minnufih illi dak kontenut f'tali stqarrija ma jinkrimina bl-ebda mod lill-akkuzat stante illi, dwar l-akkuzi illi qed jigu kkunsidrati minn dina l-Qorti, l-akkuzat ma qal assoltuament xejn, kif kellu kull dritt illi jaghmel, salv illi kkoferma li l-oggetti relatati mal-abbuz ta' droga illi nstabu fil-fond tieghu, kienu attwalment tieghu, fatt qatt ikkontestat w korroborat mix-xhieda tal-varji Pulizija illi marru fil-fond ta' l-akkuzat. Ghaldaqstant, il-Qorti mhiex ser tiddilunga aktar dwar jekk tali Stqarrija hijiex ammissibbli jew le abbazi tal-gurisprudenza nostrana u estera, stante illi hija prova inutili ghal proceduri odjerni w l-akkuzi hemm maghmulha.

## Ikkunsidrat

Tenut kont ta' tali konsiderazzjonijijet, il-Qorti issa tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha dwar il-provi kif imressqa quddiem il-Qorti.

Jirrizulta illi l-ewwel Onorabbli Qorti, fid-decizjoni taghha tad-19 ta' Gunju 2007, kienet gia indikat illi, mill-provi prodotti, kien hemm provi sufficjenti li jsahhu l-kaz "*bil-grad rikjest fil-kamp kriminali, u cioe, sal-livel probatorju 'beyond reasonable doubt'*" u dina l-Qorti taghmel taghha l-konsiderazzjonijiet u konkluzjonjiet kollha maghmulha minn dik il-Qorti fid-decizjoni taghha fuq imsemmija.

Dana qieghed jinghad, ghaliex jirrizulta bic-car illi Patrick Spagnol ikkonferma illi huwa xtara droga minghand l-akkuzat u, kif jghid hu "*kont inmur daqqa d-dar tieghu u daqqa jaghtiji fejn il-bandli ta' Haz-Zabbar*" (fol 44) filwaqt illi Rodney Vella ikkonferma illi darba f'Gunju tas-sena 2004 kien xtara minghand l-akkuzat droga.

Jirrizulta wkoll illi l-akkuzat kien jbiegh u jforni droga lin-nies, ikluz dawk illi xehdu quddiem dina l-Qorti, f'distanza ta' anqas minn mitt metru mill-perimutru ta' skola, club jew centru taz-zghazagh, dana kif jidher fid-dettall mir-rapport tal-Espert Perit Valerio Schembri mqabbad mill-Ewwel Qorti. (fol 69-75)

Jirrizulta illi, abbazi tal-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti, ma kien hemm ebda raguni ghaliex l-ewwel Qorti ma kellhiex tasal ghall-konkluzjoniet illi l-akkuzi kif dedotti ma jirrizultawx ippruvati, u ghalhekk, dina l-Qorti, kif komposta, ma tara ebda raguni ghaliex ma ghandhiex, hija wkoll, ghall-istess raginijiet maghmulha mill-ewwel Qorti fis-sentenza fuq citata, issib lill-akkuzat hati tal-akkuz kollha.

Jirrizulta, finalment, illi ghalkemm l-abbli difensur ta' l-akkuzat, meta ttratta dwar il-piena, ikkontenda illi l-akkuzat qieghed jahdem u li biddel hajtu kompletament, prova ta' dana ma ngabietx, w il-Qorti tqis illi l-akkuzi kif dedotti huma ta' natura serja hafna illi jenhtieg piena idonea ghaliha.

Jirrizulta wkoll illi fid 19 ta' Jannar 2001, l-akkuzat kien inghata sentenza dodpiza ta' sentejn habs sospizi ghal erbgha snin, u ghalhekk l-azzjonijiet meritu tal-akkuzi odjerni sehhew fil-periodu operattiv ta' tali sentenza sospiza. (vide fol 18 sa 34)

**Konkluzjoni**

Il-Qorti ghalhekk,

Wara illi rat il-provi prodotti u wara illi semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli Prosekutur u Difensur tal-akkuzat

Issib lill-imputat Christopher Cassar hati tal-ewwel, it-tieni u r-raba' akkuza, b'assorbiment tat-tielet akkuza, u wara li rat l-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, Taqsima 4 u 6 tal-Kap 101, Regolamenti 4 u 8 tar-Regoli ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN292/1939), kif emendat Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u t-tieni proviso tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap 101, u l-Artikolu 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk

**Tikkundanna lill-imputat ghal sentejn prigunerija**, li minnhom irid jitnaqqas iz-zmien li fih l-imputat ghamel f'arrest preventiv ghall-akkuzi odjerni, u **tikkundannah ghal multa ta' tlett elef Euro (€3000)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tista' titħallas mill-ħatja b'rati mensili u konsekuttivi ta' tlett mitt ewro (€300), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar minn meta l-ħatja tiskonta l-piena ta' priġunerija erogata permezz ta' din is-sentenza u għal dan il-għan ir-Reġistratur għandu jivverifika mal-awtoritajiet karċerarji din id-data, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi, u dan fil-konfront tal-ewwel u t-tieni akkuza migjuba kontra tieghu.

In oltre, il-Qorti tirrendi operattiva s-sentenza sospiza datata 19 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet '*Il-Pulizija vs Michael John Mulett, Christopher Cassar u Manwel Cachia*' fejn dina tirrigwarda l-istess akkuzat Christopher Cassar u, ghalhekk **iddahhal fis-sehh is-sentenza ta' sentejn prigunerija**, **b'zieda** ma dak hawn fuq gia kkundannat, u dan fil-konfront tar-raba' akkuza.

Il-Qorti tikkundanna lill-akkuzat ihallas ukoll ghall-ispejjez peritali tal-kaz odjern a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kap 9

Tordna wkoll id-distruzzjoni tas-sustanza u l-oġġetti relatati mad-droga esebiti bħala Dok.D (fol 4) hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proces-verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni. Dan sakemm fi żmien ġimgħa mil-lum, l-Uffiċjal Prosekutur ma jinformax lil din il-Qorti, permezz ta' nota, illi huwa neċessarju illi s-sustanza u/jew xi waħda jew iżjed mill-oġġetti esebiti jiġu preżervati għal skop ta' xi proċeduri oħrajn kontra terzi, b'dan illi f'dan il-każ, ir-Reġistratur għandu jirrapporta lil din il-Qorti, b'verbal, meta din id-droga tkun ġiet hekk distrutta.

**Magistrat Francesco Depasquale**